MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Rikors Numru. 57/2008

**Josef Grech.**

**vs**

**Spettur Ian Joseph Abdilla, is-Sur John Rizzo Kummissarju tal-Pulizija, l-Onorevoli Dottor Carmelo Mifsud Bonnici Ministru tal-Gustizzja u Intern, u l-Avukat Generali Dottor Silvio Camilleri M.O.M, LL.D ghal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Josef Grech datat 21 ta' Novembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi nhar it-Tnejn 5 ta' Marzu 2007 gie arrestat mill-iskwadra ta' kontra l-frodi tal-Pulizija Ezekuttiva fuq

suspett ta' frodi ta' cekkijiet mahrugin mill-Bank Centrali ta' Malta u sussegwentament wara l-arrest gie mehud fil-Kwartieri tal-Pulizija ghal interogazzjoni min-naha ta' l-Ispettur Ian Joseph Abdilla;

Illi waqt li kien detenut u sussegwentament waqt l-interrogazzjoni mill-Ispettur Ian Joseph Abdilla dwar suspett ta' frodi ta' cekkijiet intuzaw fil-konfront tieghu tattici koercittivi u psikologici biex jigi mgieghel jiffirma stqarrija fejn hu jammetti l-involviment tieghu fid-delitt investigat mill-Pulizija dwar falsifikar u frodi relatati ma' cekkijiet tal-pensjoni mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta, fejn waqt din l-investigazzjoni l-Ispettur beda jghajjat u jsabbat fuq il-mejda biex igieghlu jwiegeb ghall-mistoqsijiet li beda jaghmillu, kif ukoll gie mhedded illi jekk hu ma jikkoperax mal-Pulizija billi jwiegeb ghall-mistoqsijiet li bdew isirulu kien ha jinzamm detentut fil-*lock-up* tal-Pulizija, u minhabba f’hekk wara li sarulu l-mistoqsijiet huwa gie mgieghel kontra r-rieda tieghu jiffirma konfessjoni li taghmel prova fil-konfront tieghu fil-Qorti. Illi dan kollu sar fil-presenza ta' xhud PC 273 Frankie Tabone;

Illi li kieku ma kienx ghal dawn it-tattici koercittivi u psikologici huwa qatt ma kien jiffirma konfessjoni bhal konfessjoni li ffirma li taghmel prova kontra tieghu;

Illi sussegwentament nhar l-14 ta' Novembru 2007 huwa tressaq b'citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti Istruttorja) preseduta mill-Magistrat Lawrence Quintano biex iwiegeb ghal hames kapi ta' akkuza dwar allegata falsifikazzjoni, frodi, serq jew addirittura ricetazzjoni ta' cekkijiet mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta, u waqt din is-seduta l-Ispettur Ian Joseph Abdilla pprezenta l-istqarrija ffirmata mir-rikorrent Josef Grech fejn fiha jammetti l-involviment tieghu fil-kaz in kwistjoni liema stqarrija ttiehdet bil-mezzi msemmija hawn fuq f’dan ir-rikors. Illi waqt din is-seduta l-Avukat tar-rikorrent Dr. Omar Caruana qajjem l-eccezzjoni ta' l-inamissibbilta' tal-konfessjoni taht l-**artikolu 658 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)** liema eccezzjoni ghadha ma gietx deciza mill-Qorti tal-Magistrati, u minhabba f’hekk il-

konfessjoni li giet mehuda bil-mezzi koercittivi msemmijin hawn fuq f’dan ir-rikors hija ta' pregudizzju ghar-rikorrent;

Illi ghaldaqstant peress illi ntuzaw tattici koercittivi u psikologikament vjolenti fil-konfront tar-rikorrent u ghal dawn ir-ragunijiet ittiehdet konfessjoni kontra r-rieda tieghu liema konfessjoni giet esebita bhala prova fil-konfront tieghu jidher car li hemm ksur tal-jedd fundamentali ghas-smigh xieraq fi zmien ragonevoli quddiem Qorti ndipendenti w imparzjali taht l-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u taht l-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali** u b’mod partikolari l-ksur tal-prezunzjoni tal-innocenza sakemm jigi pruvat li huwa hati taht l-**artikolu 39 (5)** u l-**artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni**;

Illi peress illi r-rikorrent kellu problemi medici f’Marzu ta' din is-sena u ghas-seduta li kien imiss quddiem il-Magistrat Qunitano kien impossibbli ghalih li jattendi, huwa prezenta rikors fl-10 ta' Marzu 2008 biex il-Qorti tiddiferixxi s-seduta tat-12 ta' Marzu 2008 ghal data ohra futura u biex tinnotifikah dwar din id-data;

Illi wara li qatt ma gie notifikat kif imiss skond kif titlob il-ligi l-Ispettur Ian Joseph Abdilla u ufficjal iehor tal-Pulizija fl-20 ta' Novembru 2008 ghal habta tad-disgha u sitta u ghoxrin minuta ta' filghodu (9:26 a.m) fi Triq id-Dejqa kantuniera ma' Triq Santa Lucija l-Belt Valletta talbu lir-rikorrent biex jitla’ f’karozza misjuqa minn dan l-Ufficjal tal-Pulizija biex imur d-Depot tal-Pulizija in konnessjoni ma' dan il-kaz u jekk hu ma jmurx ghar-riferta tal-kaz hu kien ha jigi arrestat u dan prezumibbilment taht l-**artikolu 355AD (3)** u **(5)** li permezz ta' dawn id-dispozizzjonijiet tal-**Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)** il-Pulizija tista' titlob lil xi persuna bil-fomm jew b'avviz bil-miktub biex tattendi f’Ghassa tal-Pulizija jew post iehor tal-Pulizija u fin-nuqqas il-persuna in kwistjoni jekk ma tattendiex kif mitlub tkun hatja ta' kontravvenzjoni punnibbli b'detenzjoni u tkun soggetta ghall-arrest b'mod immedjat taht mandat;

Illi ghalkemm id-dispozizzjoni tal-**artikolu 355AD (3)** tipprospetta li l-persuna in kwistjoni tista' tmur minn jeddha u tista' titlaq x'hin trid mill-Ghassa tal-Pulizija jew post iehor tal-Pulizija, il-persuna in kwistjoni minhabba dak li jipprospetta l-**artikolu 355AD (5)** fil-verita' hija mgieghla tattendi kontra r-rieda taghha u ghaldaqstant il-poter li ghandha l-Pulizija taht l-**artikolu 355 AD (3)** m'hu xejn hlief arrest taht forma ohra minn arrest normali peress li l-persuna in kwistjoni tkun imgieghla tattendi ghax fin-nuqqas tkun hatja ta' kontravenzjoni u tista' tigi arrestata minnufih permezz ta' mandat;

Illi ghaldaqstant huwa car li l-**artikolu 355A (3)** u **(5)** imur kontra l-**artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali** li hija parti mill-Ligi ta' Malta bis-sahha tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (**Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta**), dan peress li dawn l-artikoli tal-Kodici Kriminali jirristringu l-liberta` personali tal-persuna in kwistjoni peress illi tkun qed tigi mgieghla tattendi f'post partikolari kontra r-rieda taghha u mhux ghax trid hi;

Illi bl-agir tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla kif imsemmi hawn fuq prezumibbilment taht l-**artikolu 355AD (3)** u **(5)** u l-intimati l-ohra gie lez u jista' jkompli jigi lez id-dritt fundamentali tar-rikorrent tal-liberta` personali u protezzjoni minn arrest arbitrarju protetti bl-**artikoli 34 tal-Kostituzzjoni u 5 tal-Konvenzjoni Ewropea;**

Illi wara li gie premess dan kollu peress illi gie lez id-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq u prezunzjoni ta' innocenza kif jinghad f'dan ir-rikors u jidher illi dan id-dritt ha jkompli jigi lez fil-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati hemm lok li l-Qorti tal-Magistrati tissoprassjedi sakemm tigi deciza l-allegazzjoni ta' ksur ta' smigh xieraq u prezunzjoni tal-innocenza taht l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u **artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** minn din l-Onorabbli Qorti;

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talab lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tordna u tiddeciedi preliminarjament taht il-poteri moghtija lilha bl-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 4(2) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea** li l-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano ghandha tissoprassjedi sakemm ikun hemm decizjoni finali minn din l-Onorabbli Qorti fuq l-allegat ksur ta' smigh xieraq taht l-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni** u ghaldaqstant il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati jigu sospizi;

2. Tiddeciedi u tiddikjara illi bl-agir min-naha tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla u l-Kummissarju tal-Pulizija responsabbli mill-Korp tal-Pulizija skond il-ligi fil-5 ta' Marzu 2007 gie lez id-dritt fundamentali ta' smigh xieraq u prezunzjoni ta' l-innocenza tar-rikorrent Josef Grech u taghti rimedju xieraq dwar dan il-ksur taht l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 4 (2) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta)** inkluz in-nullita' tal-proceduri kriminali kollha quddiem il-Qorti tal-Magistrati;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-**artikoli 355AD (3)** u **(5)** li prezumibbilment a bazi taghhom ir-rikorrent gie mitlub jattendi d-Depot tal-Pulizija jmorru kontra l-**artikolu 34 (1) tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea**;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li bl-agir min-naha tal-Pulizija fil-konfront tar-rikorrent nhar l-20 ta' Novembru 2008 gie lez id-dritt tieghu ghall-liberta` personali u protezzjoni minn arrest arbitrarju;

5. Taghti rimedju xieraq lir-rikorrent taht l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 4(2) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea** inkluz kumpens xieraq ghad-danni li sofra minhabba l-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.

Rat il-lista tax-xhieda esebita a fol. 4 tal-process;

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2008.

Rat ir-risposta tal-Intimati, l-Ispettur Ian Joseph Abdilla, Il-Kummissarju tal-Pulizija, John Rizzo, l-Onorevoli Carmelo Mifsud Bonnici Ministru tal-Gustizzja u Intern, u l-Avukat Generali Dottor Silvio Camilleri datata l-1 ta’ Dicembru 2008 a fol. 10 tal-process fejn esponew:-

(1) Illi fl-ewwel lok, *in via* preliminari u assolutament minghajr ebda pregudizzju, dan r-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti *stante* l-intempestivita` tieghu *in vista* tal-fatt li r-rikorrenti ghadu ma ezawrixxiex ir-rimedji ordinarji li ttih il-ligi;

(2) Illi minghajr pregudizzju ghal dak sottomess fl-ewwel paragrafu jirrizulta car anke mill-premessi tar-rikorrenti fil-premessi tar-rikors promotur, li l-istess rikorrenti stess fir-raba’ paragrafu ammetta li l-eccezzjoni li huwa ssolleva quddiem il-Qorti tal-Magistrati ‘ghadha ma gietx deciza';

(3) Illi wkoll minghajr pregudizzju dan r-rikors huwa frivolu u vessatorju u ghaldaqstant ghandu jigu ddikjarat tali min din l-Onorabbli Qorti;

(4) Illi, minghajr pregudizzju, is-sottomissjoni dwar il-frivolozita` u vessatorjeta` da parti tar-rikorrenti ghandha tirrizulta car lil din l-Onorabbli Qorti mis-semplici fatt li l-istqarrija ta' htija maghmula quddiem l-Ispettur Ian Joseph Abdilla, li skont r-rikorrenti l-istess stqarrija ta' htija da parti tieghu ma kinetx ssir kieku r-rikorrenti ma hassx ruhu ntimidat waqt l-interrogatorju, giet fil-fatt ikkonfermata mill-istess rikorrenti QUDDIEM IL-QORTI TAL-MAGISTRATI;

(5) Illi *di piu`* l-istess konferma ta' ammissjoni da parti tar-rikorrenti regghet inghatat mill-istess rikorrenti anke wara li l-istess Qorti tal-Magistrati tat zmien lill-istess rikorrenti biex jerga’ jahsibha, u dan kollu fil-prezenza tal-avukat ta' fuducja tieghu ta' allura;

(6) Illi dan jirrizulta car mill-verbal tal-Kumpilazzjoni (a fol. 54 tal-process l-istess kumpilazzjoni) li bhalissa qed jghaddi r-rikorrenti f'dan ir-rikors li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkat bhala Dokument "AG 01";

(7) Illi huwa sinifikanti l-fatt li fit-tielet talba da parti tar-rikorrenti juza l-kelma 'prezumibbilment' fir-rigward ta' liema ligi ghandha tigi ddikjarata li tmur kontra dak pprovdut mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, li hija ndikazzjoni cara li lanqas l-istess rikorrenti ma jista' jindika ezattament liema artiklu tal-Konvenzjoni, skont hu qed jigi vvjolat fil-konfront tieghu;

(7) Illi r-rikorrenti ghandu jkun car dwar ezattament liema hi l-ligi li qed jitlob li tigi ddikjarata min din l-Onorabbli Qorti tiddikjara bhala li tmur kontra **artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni** u mhux jitlob li tigi ddikjarata vjolazzjoni tal-**Artikolu 355AD (3)** u **(5)** *'li **prezumibbilment** a bazi taghhom.....'*;

(8) Illi minghajr pregudizzju ghal dak espost mill-esponenti fil-paragrafu precedenti, qed jigi sottomess li l-**artikolu 355AD (3)** u **(5) tal-Kodici Kriminali** li jghid hekk:-

*(1) ......Omissis*

*(2) ......Omissis*

*(3) Il-Pulizija tista', bil-fomm jew b'avviz bil-miktub, tehtieg lil xi persuna li tattendi l-Ghassa tal-Pulizija jew xi post iehor li tindikalha sabiex hemm taghti dak it-taghrif u ggib maghha dawk id-dokumenti li l-Pulizija jistghu jinhtiegu u jekk dik il-persuna hekk tattendi fl-Ghassa tal-Pulizija jew post lilha ndikat hija ghandha titqies bhala li tkun attendiet dik l-Ghassa tal-Pulizija jew post iehor volontarjament. L-avviz bil-miktub imsemmi f'dan is-subartikolu ghandu jkun fih twissija dwar il-konsegwenzi li n-nuqqas ta' tharis igib mieghu, kif jinsabu msemmija fis-subartikolu (5).*

*(4) ......*

*(5) Persuna li tonqos milli thares xi avviz bil-miktub bhalma hemm imsemmi fis-subartikolu (3) jew li tonqos, meta tkun hekk giet mitluba, ukoll jekk biss bil-fomm, li tmur minn jeddha ma' Ufficjal tal-Pulizija f'xi Ghassa tal-Pulizija jew xi post iehor li jindikalha l-Ufficjal tal-Pulizija ghal xi ghan imsemmi fis-subartikolu (3) imsemmi, tkun hatja ta' kontravenzjoni punibbli b'detenzjoni u tkun tista' tigi arrestata minnufih taht mandat.*

*(6) .....Omissis*

*(7) .....Omissis*

*b'ebda mod ma jista' jitqies li jirregola kazijiet ta' meta persuna tkun mehtiega mill-Pulizija biex tattendi l-Ghassa jew xi post indikat mill-istess Pulizija biex issir in-notifika idonea ghall-iskopijiet ta' dehra t' akkuzat fil-Qorti;*

(9) Illi l-istess artikolu jirregola istanzi ta' meta persuna tkun mehtiega tattendi l-Ghassa tal-Pulizija jew post indikat minnha <u>'sabiex hemm taghti dak it-taghrif u ggib maghha dawk id-dokumenti li l-Pulizija jistghu jinhtiegu</u>' u zgur u b'ebda punt ma ssir riferenza ghall-kazijiet ta' notifika ghas-seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati;

(10) Illi jekk fil-fatt li jirrizulta dak allegat fl-paragrafu 7 tal-premessi tar-rikors tar-rikorrenti meta r-rikorrenti allega u cioe` li Ufficjal tal-Pulizija qallu li ha jigi arrestat jekk ma jigix fl-Ghassa, qed jigi sottomess li f'dik il-konversazzjoni, jekk fil-fatt sehhet, l-Ufficcjal tal-Pulizija kkoncernat zgur kien qed jirreferi ghal stat ta' fatt meta arrest jsir mill-Pulizija ***wara li jinhareg il-'warrant' relattiv mill-Qorti tal-Magistrati*** biex din tal-ahhar taccerta ruhha li l-akkuzat jingieb quddiemha sabiex iwiegeb ghall-akkuzi li jkollu quddiemu;

(10) Illi bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti dan il-poter moghti mill-ligi huwa poter li huwa rikonoxxut madwar l-Ewropa kollu bhala ghodda ndispensabbli sabiex tigi zgurata l-amminstrazzjoni retta tal-Gustizja u sahansitra nkluz bhala eccezzjoni fl-istess **artikolu 5** (artiklu li ncidentalment huwa artikolu li r-rikorrenti qed jillamenta li

sar vjolazzjoni fil-konfront tieghu) tal-Konvenzjoni Ewropea li jghid (il-parti relevanti ghall-finijiet tal-kaz odjern hija mmarkata b'*bold*): ARTIKOLU 5 (1) Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta` u ghas-sigurta` tal-persuna. Hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta` tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skont il-procedura preskritta bil-ligi:

(a) .........Omissis

(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-ligi ta' persuna ghal nuqqas ta' tharis ta' ordni skont il-ligi ta' Qorti jew sabiex jigi zgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-ligi;

(c) l-arrest jew detenzjoni skont il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita` legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat;

(11) Illi fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti, l-esponenti jixtieq jissottometti li l-eccezzjoni li ssolleva huwa stess aktar qabel f'din r-risposta, u cioe` dik tan-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji, hija ssostanzjata anke mill-mod ta' kif l-istess l-ewwel talba giet ifformulata meta ntalab li l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati jigu sospizi - stqarrija cara da parti tar-rikorrenti li l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghandhom mhux konkluzi u minhabba f'hekk zgur li ma jista jitqies li b'xi mod gew ezawriti r-rimedji ordinarji qabel ma gie ntavolat dan ir-rikors;

(12) Illi fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti, l-esponenti jixtiequ jissottomettu li fl-ewwel lok l-artikolu msemmi mir-rikorrenti (u cioe` l-**artikolu 4 (2) tal-Konvenzjoni**) f'din it-talba ma jirregolax il-prezunzjoni tal-innocenza izda tirregola projbizzjoni fuq xoghol furzat u f'dan il-kuntest, l-esponenti jhoss li ghandu jikkwota l-msemmi artikolu li jghid :

*4 (2) Hadd ma ghandu jkun imgieghel jaghmel xoghol forzat jew obbligatorju;*

(13) Illi anke fil-kuntest ta' allegazzjoni ta' vjolazzjoni tal-principju ta' prezunzjoni ta' innocenza li hija rregolata minn artikoli ohra tal-istess Konvenzjoni kif qed jigi apparentement allegat mir-rikorrenti, l-esponenti jissottomettu li din l-allegazzjoni da parti tar-rikorrenti zgur m'ghandiex tirrizulta li din l-Onorabbli Qorti *in vista* tal-fatt li l-proceduri kriminal fil-konfront tar-rikorrenti ghadhom ghaddejjin u mhux konkluzi;

(14) Illi fir-rigward tar-raba’ talba da parti tar-rikorrenti, l-esponenti jixtiequ jissottomettu li fl-ewwel lok ir-rikorrenti ghandu jindika b'mod preciz ezattament liema artikolu tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, skond hu qed jigi vjolat fil-konfront tieghu u fit-tieni lok, qed jigi sottomess bl-akbar qawwa li l-agir tal-Pulizija b'ebda mod ma jista’ jitqies bhala vjolazzjoni tad-dritt ghall-liberta personali u dan anke *in vista* tal-fatt li l-istess rikorrenti qatt ma gie arrestat (fil-fatt ingieb quddiem il-Qorti tal-Magistrati permezz tal-procedura tac-citazzjoni) u ghadu sallum mhux taht arrest;

(15) Illi *inoltre* qed jigi sottomess mill-intimati, Spettur Ian Joseph Abdilla u Kummissarju tal-Pulizija, John Rizzo, li, filwaqt li jichdu bl-akbar qawwa l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti fil-konfront taghhom, tali allegazzjonijiet specjalment dawk maghmula fil-konfront tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla huma allegezzjonijiet foloz u bla bazi u li l-fatti li sehhew waqt l-interrogatorju tar-rikorrenti huma assolutament differenti minn dak li qed jallega l-istess rikorrenti;

(16) Illi dan ghandu jirrizulta car lil din l-Onorabbli Qorti kemm mid-Dokument “AG 01” (kopja ta' verbal ta' seduta fejn l-istess rikorrenti rega’ rregistra ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati), li qed jigi prezentement anness ma’ din ir-risposta kif ukoll waqt t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

Ghaldaqstant l-esponenti, *in vista* tas-suespost u anke *in vista* ta' kwalunkwe sottomissjoni jew prova ulterjuri li tista’ tingieb waqt it-trattazzjoni tal-istess rikors quddiem din l-

Onorabbli Qorti, umilment jitolbu lill-istess Onorabbli Qorti sabiex tichad t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2009 meta ssejhet il-kawza deher Josef Grech assistit minn Dr. Omar Caruana. Deher ukoll l-Ispettur Ian Joseph Abdilla assistit minn Dr. Joseph Bonello. Il-Qorti staqsiet lir-rikorrenti xi provi ghandu dwar il-mertu. Id-difensuri qablu li ghandu jigi allegat il-process kriminali in kwistjoni 380/07 quddiem il-Magistrat Lawrence Quintano. Il-Qorti laqghet it-talba fis-sens li a karigu tar-Registratur tal-Qorti ghandha ssir kopja tal-istess process u jigi allegat ma dawn l-atti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Josef Grech datata 2 ta' Marzu 2009 a fol. 94 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-2 ta' April 2009 meta ssejhet il-kawza dehru r-rikorrenti u l-intimati Spettur Abdilla u d-difensuri tal-partijiet. Dr. Bonello nforma l-Qorti li pprezenta nota ta' sottomissjonijiet u ghadda kopja llum stess lid-difensur tal-kontro-parti. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-provi. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Mejju 2009 ghas-sentenza u tat-28 ta' Mejju 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Gunju 2009.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-intimati datata 2 ta' April 2009 a fol. 118 tal-process.

Rat l-allegazzjoni tal-process fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Josef Grech** Cit Nru. 380/07, anness skont id-digriet tal-Qorti moghti fit-8 ta' Jannar 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza kostituzzjonali fejn ir-rikorrenti qed jallega li waqt li kien detenut u waqt l-interrogazzjoni mill-Ispettur Ian Joseph Abdilla dwar suspett ta' frodi ta' cekkijiet intuzaw fil-konfront tieghu tattici koercittivi u psikologici biex jigi mgieghel jiffirma stqarrija fejn hu jammetti l-involviment tieghu fid-delitt investigat mill-Pulizija dwar falsifikar u frodi relatati ma' cekkijiet tal-pensjoni mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta, fejn qed jigi allegat li waqt din l-investigazzjoni l-Ispettur beda jghajjat u jsabbat fuq il-mejda biex igieghlu jwiegeb ghall-mistoqsijiet li beda jaghmillu, kif ukoll gie mhedded illi jekk hu ma jikkoperax mal-Pulizija billi jwiegeb ghall-mistoqsijiet li bdew isirulu kien ha jinzamm detentut fil-*lock-up* tal-Pulizija, u minhabba f'hekk wara li sarulu l-mistoqsijiet huwa gie mgieghel kontra r-rieda tieghu jiffirma konfessjoni li taghmel prova fil-konfront tieghu fil-Qorti u li dan kollu sar fil-prezenza ta' xhud PC 273 Frankie Tabone; u l-istess stqarrija intuzat bhala prova meta l-istess rikorrrenti tressaq taht diversi akkuzi dwar l-allegata falsifikazzjoni, frodi, jew ricettazzjoni tal-istess cekkijiet, u allura qed jallega li tali tattici koercettivi u psikoligikament vjolenti sabiex tigi ottenuta l-istess stqarrija jiksru d-drittijiet fondamentali ta' smigh xieraq skond l-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,** u in partikolari l-ksur tad-dritt ta' presunzjoni ta' innocenza skond l-**artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

Illi bhala fatti l-istess intimati jichdu bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet hekk vantati fil-konfront tal-Ispettur Abdilla, tant li nghad li l-istess rikorrenti nnifsu meta tressaq il-Qorti quddiem il-Magistrat Lawrence Quintano ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dan anke wara li l-istesss Qorti tat lir-rikorrenti zmien sabiex jerga' jahsibha u dan anke fil-presenza tal-avukat ta' fiducja tieghu.

Illi fil-fatt tali ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati tirrizulta mill-verbal tas-seduta datata 1 ta' Frar 2008

quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Lawrence Quintano fejn jinghad li:-

*“meta ssejhet il-kawza deher l-imputat assistit minn Dr. Bencini. Deher l-Ufficjal Prosekutur Spettur Ian Abdilla. Xehed Ivan Cilia riprodott li pprezenta Dok. IC1. L-imputat irregistra ammissjoni. L-imputat inghata hin ragonevoli sabiex jirripensa l-ammissjoni tieghu. L-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu. Fid-dawl tal-ammissjoni il-prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha”*

Illi dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tordna lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tissospendi s-smigh tal-kawza quddiemha sakemm tigi deciza din il-kawza din il-Qorti tichad din it-talba peress li din it-talba hija kompletament bla ebda bazi u in kwantu rilevanti din il-Qorti tirreferi ghal dak ritenut fil-kawza fl-ismijiet **“Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru”** (Q.K. 12 ta’ Awissu 1994).

Illi dwar il-punt ta’ l-ezawriment tar-rimedji din il-Qorti thoss li *stante* n-natura tal-kaz, din il-Qorti thoss li ma ghandhiex tiddeklina milli tezercita’ s-setghat taghha f’sede kostituzzjonali - peress li r-rimedji miltuba huma ta’ natura kostituzzjonali u r-rimedju huwa wiehed li jista’ jinghata fil-kompetenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta u dan peress li f’dan il-kaz il-lanjanza kostituzzjonali mressqa hija *ben oltre* dak li qed jintalab jew setgha jintalab permezz ta’ proceduri normali (anke dwar l-allegata inammissibilita’ tal-istess stqarrija ghaliex allegatament ma saritx a bazi tal-**artikolu 658 tal-Kap. 9**) u hawn il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **“John Mizzi vs Kummissarju tal-Pulizija”** (P.A. (RCP) – 27 ta’ Novembru 2008 u l-gurisprudenza hemm citata.

Illi apparti dan din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **“Avukat Dr. David Tonna et vs Kummissarju tal-Artijiet”** (P.A. (GC) – 20 ta’ Ottubru 2008) fejn inghad li din il-Qorti ghandha tiddeklina li tesercita s-setghat taghha kif moghtija skond il-provedimenti tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostitizzjoni u artikolu 4 (2) tal-Kap 319** biss f’kazijiet eccezzjonali tant li f’kazijiet fejn qed jigu allegati li

gew lezi d-drittijiet fondamentali tal-bniedem hija ghandha tkun kawta hafna fid-decizjoni taghha li tirrifjuta li tisma' rikors kostituzzjonali u f'dan il-kuntest ghandha tigi applikata d-diskrezzjoni taghha moghtija lilha mill-ligi.

Illi dwar il-mertu tal-kawza mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti gie arrestat fil-5 ta' Marzu 2007 u gie mehud id-Depot fejn dahal fil-*lock up* fil-10.35a.m. Tela' ghall-interrogatorju fil-11.55.a.m. Tnizzel fil-*lock up* fl-12.12.p.m. u rega' tela' quddiem l-Ispettur Abdilla fis-1.00.p.m. u wara saret stqarrija bejn is-1.55.p.m. sal-2.55.p.m. fil-presenza ta' P.C. 273 Frankie Tabone. Gie rilaxxat fil-3.10.p.m.

Illi l-iSpettur Ian Abdilla xehed li ta t-twissija lill-istess rikorrenti li ghandu dritt li ma jwiegeb ghall-ebda domanda u jekk jitkellem, dak kollu li kien ser jghid kien ser jigi miktub u jista' jingieb bhala prova kontra tieghu. Gie nformat ghaliex kien arrestat u li kellu dritt ghall-telefonata wahda. Gie nformat ukoll li jista' jinzamm arrestat jekk ikun hemm bzonn ghall-48 siegha, u jekk ikun hemm tali bzonn li jinzamm arrestat jinzamm fil-*lock up*. Jirrizulta li waqt l-interrogazzjoni l-istess rikorrenti tnizzel ghal darba ohra il-*lock up* u dan peress li waqt l-interogattorju semma' li cekkijiet inkwistjoni kien gew moghddija lilu mill-gurnalista Julian Manduca, u l-Ispettur ried jivverifika dan u fil-fatt sab dan l-imsemmi Julian Manduca kien mejjet.

Illi l-istess Spettur xehed li huwa qal lir-rikorrenti li jista' ma jiffirmax l-istqarrija u cahad l-allegazzjoni maghmula mir-rikorrenti fejn heddu li jekk ma jiffirmax l-istqarrija kien ser izommu fil-*lock up*. Jirrizulta li l-istess Spettur sostna li huwa nizzel kif saru d-domandi u r-risposti fl-istess stqarrija.

Illi r-rikorrenti jghid li huwa gie arrestat fid-9.00.a.m. u jghid li x'hin telghu quddiem l-Ispettur izda ma jafx x'hin peress li ma kellux arlogg; gie ordnat biex ipoggi *"fuq is-siggu tal-giddibin"* u beda jigi mistoqsi x'jaf fuq certu cekkijiet ta' Joseph Bezzina li skond ir-rikorrenti kien joqghod f'appartament fejn kienet toqghod ommu. Hawn jghid li tnizzel l-ewwel darba lura fil-*lock up*. Regghu telghu u l-Ispettur beda jsaqsih fuq cekk cekk ta' l-istess

Bezzina u meta rrisponda li ma jafx xejn dwarhom, il-Pulizija regghu nizzluh isfel fil-*lock up* ghat-tieni darba, u meta rega' telgha lura talbuh xi dokumenti.

Illi l-istess rikorrenti xehed li giet persuna certa Miss Marion Williams li wriet li pagamenti li saru mir-rikorrenti sabiex ihallas lura lill Bank of Valletta u lill-HSBC l-flus li kien ircieva minghand l-istess banek wara li c-cekkjiet ta' Joseph Bezzina kienu ssarfu minnu ghand l-istess zewg banek, liema cekkijiet kienu nhargu fuq Joseph Bezzina wara l-mewt tieghu. Jghid li gie mitlub jiffirma l-istqarrija u huwa ffirma meta qara biss parti minnha.

Illi waqt ix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti (fol. 59) jghid li nqrat lilu sat-tielet (3) faccata tal-istqarrija, u wara meta saru mistoqsijiet lilu mill-Ispettur fuq ic-cekkijiet wiehed wiehed l-istess rikorrenti jghid li ma jiftakarx. Jammetti li l-firem fuq l-istqarrija kienu kollha tieghu.

Illi dwar dak li gara fil-verbal tas-seduta tal-quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn hemm registrata l-ammissjoni tieghu u dan anke wara li l-Qorti taghtu hin sabiex jahseb fuq l-ammissjoni tieghu l-istess rikorrenti xehed li huwa ma ammettiex, izda sussegwentement jghid hekk:-

*"Jiena ammettejt meta l-Avukat Bencini qalli li wasal f'kompromess ma' l-Ispettur Abdilla".*

Illi iktar il-quddiem fl-istess xhieda tieghu jghid:-

*"Imma t-tieni darba zgur li ma ammettejtx. L-ewwel darba ammettejt".*

Illi meta gie mistoqsi li fl-istess gurnata kien hemm dan il-kliem, l-istess xhud qal li ma jiftakarx x'ghamel dak li huwa ndika bhala t-tieni darba. Ikompli hekk:-

*"Jiena ammettejt, l-ewwel darba ammettejt, imma suppost tani zmien biex nahsibha u bqajt dak iz-zmien biex nahsibha s'hemm cert jien".*

*Dr. Joseph P.Bonello:- "Jigifieri ma ergajtx ikkonfermajt skont int".*

*Xhud: Josef Grech:- "Le".*

Illi fil-fatt ir-rikorrenti xehed li:-

*"Jew ma fhimtx jien. Imma jiena dak inhar ma kkofermajtax it-tieni darba".*

Illi hemm ix-xhieda wkoll ta' PC. 273 Frankie Tabone li sostna li kienu huwa li arresta lill-imputat u hadu ghall-interogazzjoni d-Depot u kien prezenti meta r-rikorrenti rrilaxxa l-istqarrija. Min-notamenti li huwa nizzel qabel is-seduta jirrizulta li dan kiteb li r-rikorrenti kien arrestah ma' WPC 103 M. Mifsud mill-ufficju tal-ETC fi Triq Old Mint fl-10.00.a.m. Fl-istess notament (Dok. "FT" – fol. 31) hemm imnizzel il-hin meta bdiet issir l-istqarrija fis-13.55 *hours* u li *"ammetta li kien iffirma falz fuq ic-cekkijiet u ddepozitahom. 15.00 hours gie rilaxxat".*

Illi jixhed li qabel ma' saret l-istqarrija kien ghamel xi nofs siegha sa siegha fuq is-sufan jitkellem mar-rikorrenti fuq xi fuljetti li huwa kien johrog ta' xi Ghaqda Rahal Gdid. Jghid li l-Ispettur mexa b'mod normali mar-rikorrenti, billi tah it-twissija u mbaghad ghamel il-mistoqsijiet u r-rikorrenti jwiegeb u fejn ma jwiegibx ma jwegibx. Jghid li l-istqarrija saret mill-Ispettur fuq il-kompjuter u meta titlesta l-iSpettur jdawwar il-*monitor* lejn il-persuna, jaqrawh flimkien, u jaghzel jekk jiffirmax jew le u tinkiteb hux ser jiffirma jew le, jipprintja hu, u l-persuna jinghata kopja. L-istess ufficjal ma ftakarx kemm-il darba tella' u nizzel lill-istess rikorrenti mill-*lock up* ghal fejn saret l-istqarrija u l-interogazzjoni.

Illi l-istess xhud ikkonferma li l-istqarrija giet moqrija u wara li jinqraw ukoll il-kliem li *"din l-istqarrija ghamiltha jien voluntarjament, minghajr theddid, biza', weghdi jew promessi jew vantaggi. Hija l-verita' u wara li nqrat lili ma rrid inzid jew innnaqqas jew inbiddel xejn minnha u naghzel li niffirmaha"* tigi ffirmata mir-rikorrenti u anke minnu u mill-istess Spettur. Fil-fatt l-istess xhud spjega kif

l-istess giet iffirmata. Inkontro-ezami l-istess xhud sostna li ma saret ebda tip ta’ pressjoni fuq ir-rikorrenti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li din l-investigazzjoni kienet tikkoncerna l-kaz ta’ cekkijiet mahruga mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali favur certu Joseph Bezzina, li minkejja li miet fis-16 ta’ Novembru 2003, dawn baqghu jinhargu sa Mejju 2005 ghal total ta’ Lm3,260.04. Fil-fatt parti mill-istess cekkijiet gew imsarrfa kemm fil-Bank of Valletta p.l.c. u kemm fil-HSBC wara l-mewt ta’ l-istess Bezzina. Dan Bezzina kien joqghod fl-istess blokk ta’ *flats* fejn kien joqghod ir-rikorrenti go Triq l-Ajkla, Valletta.

Illi dawn il-Banek saru jafu mid-Dipartiment li kien hemm frodi ghaliex tali cekkijiet gew imsarrfa wara l-mewt tal-imsemmi Joseph Bezzina u allura *in vista* ta’ dan l-istess Banek irrifondew l-ammont ta’ flus minnhom imsarraf bl-istess cekkijiet mahruga fuq persuna mejta lura lid-Dipartiment. Jirrizulta li l-flus li gew mhallsa mill-Banek lill-istess Dipartiment gew rifuza lura lill-Banek mir-rikorrenti Josef Grech, parti qabel u parti wara li saret l-istess stqarrija tant li hemm pagamenti li saru wkoll fis-sena 2007, meta l-istqarrija hawn impunjata hija datata 5 ta’ Marzu 2007.

Illi dan il-hlas lill-Banek sar mir-rikorrenti peress li gie allegat mill-Banek li sabiex isarfu l-istess cekkijiet dawn gew iffirmati minn Josef Grech u dwar dan l-Ispettur Abdilla sostna li lanqas kellu bzonn l-istess stqarrija tar-rikorrenti ghaliex il-provi li kellu bzonn kienu dokumentarji u bhal speci jitkellmu wahedhom.

Illi minn dan il-*fattispecie* tal-kaz din il-Qorti thoss li bl-ebda mod ma jista’ jinghad li r-rikorrenti gie suggett ghal xi forma ta’ dak li r-rikorrenti jsejjah fir-rikors tieghu bhala tattici koercittivi u psikologikament vjolenti – anzi jirrizulta li l-istess rikorrenti gie trattat bil-mod kif suppost jigi trattat – ma kien hemm ebda forma ta’ pressjoni la fizika u lanqas psikologika, u l-Qorti tinnota li fil-fatt ix-xhieda tal-istess rikorrenti stess lanqas taqbel ma’ dak indikat minnu fl-istess rikors fejn fl-att promotorju ghal din il-procedura huwa jghid li l-iSpettur beda jghajjat u jsabbat fuq il-mejda

u li l-Ispettur heddu li jekk ma jiffirmax l-istqarrija kien ser jinzamm detenut fil-*lock up* tal-Pulizija – allegazzjoni li lanqas xehed fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2009. Dwar it-tisbit u l-ghajjat indikahom fin-notamenti li kellu mieghu waqt li kien qed jixhed (Dok. "JG" – fol. 29) izda minkejja dan xorta wahda fl-istess xhieda *viva voce* quddiem il-Qorti ma xehed xejn dwar l-istess. Fl-istess notamenti ma hemm xejn dwar l-allegazzjoni li ghamel *verso* l-Ispettur li jekk ma jaghmilx u jiffirma l-istqarrija huwa kien ser jibqa' arrestat. Dan kollu jwasslu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-versjoni tal-istess rikorrenti ma hijiex kredibbli izda ghaliha sahansitra kontradittorja ma' l-allegazzjonijiet tieghu stess u certament ma taqbilx ma' dak li huwa stess allega fir-rikors tieghu. Jirrizulta wkoll li tali versjoni hija kontradetta mix-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti mill-intimati.

Illi dwar l-allegazzjoni li huwa ttellgha tliett darbiet mill-*lock up* sakemm ghamel l-i*statement* u li din saret bhala mod ta' pressjoni jinghad li din il-vantazzjoni wkoll ma tirrizultax, u kull ma jirrizulta huwa li r-rikorrenti tnizzel il-*lock up* almenu darbtejn izda dan ma sehhx fl-isfond ta' dak allegat mill-istess rikorrenti dwar xi forma ta' pressjoni; anzi mill-provi li din il-Qorti ghandha quddiemha jidher li l-istess rikorrenti tnizzel il-*lock up* sabiex isiru l-verifiki mill-Ispettur dwar id-dettalji li kien qed jaghti r-rikorrenti fil-kors tal-investigazzjoni msemmija, fosthom kif persuna kellha pussess tal-istess cekkijiet, kif l-istess gew akkwistati, min kien involut fl-istess, kif saru l-pagamenti, u kif saru xi rifuzzjonijiet tal-flus li thallsu mhux skond il-ligi. Dwar dan ix-xhieda tal-Ispettur Abdilla hija konsistenti u kredibbli. F'dan kollu hija kkorroborata minn P.C. 273 Frankie Tabone.

Illi dwar l-allegazzjoni li l-istess rikorrenti gie b'xi mod imgieghel li jaghmel jew jiffirma l-istess stqarrija din assolutament ma tirrizultax; anzi jidher u jirrizulta li l-istess rikorrenti gie nformat ghal x'hiex kien qed jigi nvestigat, li setgha jinzamm ghall-48 siegha gewwa *lock-up* tal-Pulizija, li kellu dritt ghal telefonata wahda permezz tat-*detention officer*, li jinghata t-twissija li ghandu d-dritt ma jwiegeb ghal ebda domanda, izda jekk jitkellem, dak li

jintqal minnu jigi miktub u jista' jittiehed bhala prova kontra tieghu jew terzi persuni; jirrizulta wkoll li t-twissija giet indikata fl-istqarrija datata  5 ta' Marzu 2007 (Dok. "IA 1" – fol. 13) iffirmata mill-istess rikorrenti, bix-xhieda tal-Ispettur Joseph Abdilla u P.C. 273 Frankie Tabone li wkoll iffirmaw l-istess stqarrija fuq kull pagna taghha, f'certu pagni ghal iktar minn darba; mhux hekk biss izda jirrizulta li fl-istess stqarrija hemm fl-ahhar taghha l-kliem gia fuq riferit li jghid li *"din l-istqarrija ghamiltha jien voluntarjament, minghajr theddid, biza', weghdi jew promessi jew vantaggi. Hija l-verita' u wara li nqrat lili ma rrid inzid jew innaqqas jew inbiddel xejn minnha u naghzel li niffirmaha".* Wara dawn il-kliem hemm il-firma tal-istess rikorrenti u tal-istess ufficjali tal-Pulizija (fol. 17) u fl-istess stqarrija hemm indikat il-hin meta din bdiet fil-13.55 *hours* sa 14.55 *hours*. Ftit wara l-istess rikorrenti gie rilaxxat.

Illi dwar l-allegazzjoni li l-istess rikorrenti ma qarax l-istqarrija, u/jew li l-istess ma gietx lilu moqrija, din il-Qorti, wara li kellha l-opportunita' li tisma' l-istess rikorrenti, thoss li x-xhieda u l-allegazzjoni tieghu f'dan ir-rigward hija kompletament bla ebda bazi u l-versjoni tieghu ma hijiex kredibbli. Fil-fatt din il-Qorti thoss li x-xhieda tal-istess Spettur u l-ufficjal tal-Pulizija nvoluti f'dan il-kaz ma jhallu l-ebda dubju li l-istess rikorrenti ma tistax titwemmen. F'dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda tal-istess ufficjali, u wkoll ghall-istqarrija nnifisha li hija dettaljata sew, kollha b'domanda u risposta, b'referiment ghad-dettalji specifici u precizi, u wkoll ghall-kontenut tal-istess li jidher car li l-istess stqarrija saret b'mod mill-iktar galbat u dan bil-ko-operazzjoni tal-istess rikorrenti, li jirrizulta li kien qed jifhem sew x'qed jaghmel. Dan qed jinghad ukoll fl-isfond li l-istess rikorrenti ghandu livell tajjeb sew ta' edukazzjoni.

Illi jinghad ukoll li din l-istqarrija nghatat wara li l-istess imputat kien qabel ghamel hin sew jitkellem ma' P.C. 273 Frankie Tabone u minn din ix-xhieda jirrizulta ppruvat li r-rikorrenti ma kien fl-ebda mument taht xi pressjoni llegali ta' kwalunkwe xorta mill-ufficjali tal-Pulizija – anzi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li f'dan il-kaz l-ufficjali nvoluti mxew taht prudenza kbira; u ghamlu l-investigazzjoni b'galbu u

b'serjeta', tant wkoll li bdew jivverifikaw dak li nghad lilhom, waqt l-istess interogazzjoni, kemm fil-konfront ta' persuni msemmija u wkoll dokumenti relattivi.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li meta giet esebita l-istqarrija quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta' Novembru 2007 saret oggezzjoni mid-difensur tar-rikorrenti ghall-prezentata tal-konfessjoni, izda ma nghadx ghaliex; wara l-istess rikorrenti fis-seduta tal-1 ta' Frar 2008 quddiem il-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Lawrence Quintano hemm verbalizzat li meta ssejhet il-kawza deher l-imputat assistiet minn Dr. Bencini u wara x-xhieda ta' certu Ivan Cilia l-istess imputat hemm indikat bhala Josef Grech jirrizulta li *"rregistra ammissjoni. L-imputat inghata hin ragjonevoli sabiex jirripensa l-ammissjoni tieghu. L-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu. Fid-dawl tal-ammissjoni il-prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha".*

Illi issa dwar dan il-verbal fix-xhieda quddiem din il-Qorti l-istess rikorrenti jirrizulta li qed jghid li ma jafx li huwa wara l-hin moghti mill-Qorti tal-Magistrati sabiex jirripensa l-ammissjoni tieghu huwa fil-fatt ikkonferma l-ammissjoni tieghu, u dan meta jidher car minn dak verbalizzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu. Dan minkejja l-fatt li wara l-istess seduta, jidher li l-istess imputat ma deherx ghas-seduta tas-17 ta' Marzu 2008 ghaliex prezenta certifikat mediku; u ma deherx ghas-seduti li kien hemm sussegwenti ghall-istess, izda mbaghad ir-rikorrenti Josef Grech pprezenta rikors datat 24 ta' Novembru 2008 jattaka *inter alia* l-imsemmija stqarrija ghaliex tmur kontra l-**artikolu 658 tal-Kodici Kriminali** u kontra l-artikoli hemm indikati tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropea (fol. 71 tal-kopja tal-process allegat)  u sabiex il-Qorti tissoprassjedi izda bl-ebda mod ma attakka l-ammissjoni tieghu kif registrata quddiem il-Qorti stess fl-1 ta' Frar 2008. Minkejja dan kollu l-istess rikorrenti xehed kif xehed f'din il-procedura odjerna, u certament f'dan il-kuntest kollu din il-Qorti thoss li l-unika haga li tista' tghid hija li x-xhieda u l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma hija bl-ebda mod kredibbli.

Illi ghalhekk fl-isfond ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ma gewx ippruvati, u allura t-talbiet tieghu dwar l-istess qed jigu michuda u fil-fatt din il-Qorti thoss li gie ppruvat li ma hemm ebda ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** b’dan li ma kienx hemm ksur tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq.

Illi t-tieni lment tal-istess rikorrenti huwa dak fejn allega li fl-20 ta’ Novembru 2008 ghal xi d-9.30.a.m fi Triq id-Dejqa Valletta huwa twaqqaf mill-Ispettur Ian Abdilla li talbu biex jitla’ fil-karozza tal-Pulizija li kienet tistennieh sabiex imur id-Depot u jigbor ir-riferta sabiex jidher il-Qorti ghall-kaz in kwistjoni u jekk ma jaghmilx dan huwa kien ser jigi arrestat, ir-rikorrenti jghid taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 355AD (3) u (5) tal-Kap. 9,** u jghid li b’din id-disposizzjoni hemm ksur tal-**artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

Illi dwar dan il-kaz jirrizulta li peress li l-istess rikorrenti ma kienx attenda l-Qorti ghal xi darbtejn wara xulxin u dan peress li ma kienx ghadu joqghod fil-post fejn kellu jigi notifikat Sintoy Abela’s Flat 5, Triq l-Ajkla, Valletta, gie avvicinat minn P.S. Gordon Borg sabiex imur id-depot maghhom fil-karozza sabiex jiehu l-istess riferta; fil-fatt ir-rikorrenti rrifjuta li jaghmel dan u saqsa jekk kienx arrestat u s-Surgent qallu li ma kienx u ghalkemm intalab sabiex immur  maghhom, huwa xorta wahda rrifjuta u fil-fatt baqa’ sejjer ghal triqtu ghalkemm inghata appuntament sabiex imur id-Depot ghall-istess riferta u xorta wahda baqa’ ma marx sallum, tant li l-istess riferta giet esebita bhala Dok. “IJA 3” u Dok. “IJA 4”. Dwar dan P.S. Gordon Borg jghid li qabel l-istess gurnata kemm-il darba waqqaf lir-rikorrenti l-Belt sabiex imur ghar-riferta u jaghmlu appuntamenti ghal dan l-iskop u peress li dawn l-appuntamenti qatt ma nzammu mir-rikorrenti, rega’ avvicinah fl-20 ta’ Novembru 2007 u qallu sabiex imur maghhom biex jaghtuh ir-riferta, izda r-rikorrenti qallu li ma rridx imur u ma setghax imur; bl-ebda mod ma gie arrestat tant li l-istess rikorrenti baqa’ ma marx u allura qallu sabiex jaghtih hin meta kellu jmur l-ufficju ghar-riferta u r-rikorrenti wiegbu li kien ser immur fl-10.30.a.m. izda jidher li xorta wahda ma marx l-ufficju u x-

xhud spjega li din kienet issegwi s-segwenza ta' appuntamenti li saru mal-istess rikorrenti sabiex imur l-ufficju jigbor ir-riferta, u li r-rikorrenti qatt ma zamm, u dan bla ma jinforma lanqas lill-Pulizija.

Illi dwar dan it-tieni kaz jirrizulta li bl-ebda mod ma jista' jinghad li r-rikorrenti gie b'xi mod arrestat – li gara kien li l-ufficjali tal-Pulizija, *in vista* tal-fatt li fallew diversi tentattivi sabiex ir-rikorrenti jigi notifikat bir-riferta sabiex jidher il-Qorti u dan anke minhabba li ma kienx qed jinsab fl-indirizz moghti, u wara li saru diversi appuntamenti mieghu sabiex imur ghall-istess referti l-ufficji, appuntamenti li r-rikorrenti ma zammx ghal iktar minn darba, qallu lir-rikorrenti sabiex immur maghhom sabiex ikunu jistghu jinnotifikawh bl-istess riferta biex jidher il-Qorti, haga li r-rikorrenti ma accettax li jaghmel dak il-hin ghaliex qal li kellu appuntament iehor, qalulu sabiex jaghtihom hin meta setgha jmur; qalilhom li kien ser immur fl-10.30.a.m. u kulhadd baqa' sejjer ghall-triqtu tant li la qatt ma dahal fil-karozza tal-Pulizija, lanqas gie b'xi mod imgieghel sabiex jaghmel dan, u fl-ebda mument ma kien taht xi forma ta' arrest. Ghall-kompletezza r-rikorrenti ma marx ghal tali appuntament.

Illi minn dan jirrizulta li f'dan il-kaz bl-ebda mod ma giet uzata l-procedura kontemplata fl-**artikolu 355 AD (3) u (5)** u bl-ebda mod ma jista' jinghad li bl-agir tal-istess ufficjali tal-Pulizija f'dik il-gurnata kien hemm xi forma ta' arrest jew detenzjoni ta' persuna w allura certament ma tistax tigi milqugha l-allegazzjoni li kien hemm ksur tal-**artikolu 34 (1) tal-Kostituzzjoni** u/jew tal-**artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni.** Isegwi wkoll li certament ma hemmx bazi jew fondament sabiex l-**artikolu 355 AD (3) u (5) tal-Kodici Kriminali** jigi ddikjarat f'dawn il-proceduri fejn jirrizulta li lanqas biss gie utilizzat, li l-istess artikolu allegatament jikser l-imsemmija disposizzjonijiet kostituzzjonali u tal-konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-intimati datata 1 ta' Dicembru 2008 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors tieghu datat 21 ta' Novembru 2008** peress li huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------